L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 16 ta' Novembru, 2001

## *Neutro*, ir-raguni u r-ragunament

*Mhux ta' b'xejn inhoss qalbi tugghani li min hu favur l-Unjoni kwazi kwazi qieghed jghid kontra l-identità nazzjonali u jimmira ghall-istatus Ewropew biex inehhi kull tracca ta' nisel Gharbi fina! Donnu waqajna mis-sema bil-gilda roza! Tabilhaqq insew dak li ggieldu ghalih kemm Borg Olivier kif ukoll Dom Mintoff!*

Nhar il-gimgha li ghaddiet, 9 ta' Novembru, assistejt flimkien ma' udjenza mdaqqsa ghall-inawgurazzjoni ufficjali ta' grupp gdid ta' zghazagh dwar l-Unjoni – in-*NEUTRO*.
L-inawgurazzjoni saret, kif inhu xieraq, bi stedina wkoll ghal tahdita minn rapprezentant tal-Kunsill Nazzjonali Zghazagh, minn rapprezentant tal-Partit Nazzjonalista kif ukoll dak tal-Partit Laburista. Il-laqgha inghalqet bl-indirizz tal-President tal-grupp gdid *Neutro*, Jesmar Baldacchino.

Jesmar indirizza l-udjenza ta' quddiemu billi rrefera ghall-fatt li z-zghazagh qed ikunu fuq quddiem li jintuzaw ghall-propoganda favur shubija fl-Unjoni specjalment mill-Partit Nazzjonalista u minn ghaqdiet li dejjem taparsi jippretendu li m'humiex vetturi tal-Partit Nazzjonalista. Huwa accenna ghan-nuqqas ta' taghrif li jezisti fost iz-zghazagh apparti li hemm certi *buzz words* li jirrepetuhom bhall-pappagalli. Qal ukoll li qeghdin jigu njorati diversi kontroversji li qeghdin jinqalghu liz-zghazagh, partikularment l-istudenti li jinhtiegu appogg imminenti dwarhom, bhalma huwa t-taqlib fl-istipendji u z-zjieda ta' 20% fil-prezzijiet ta' l-ezamijiet tal-*MATSEC*. Isostni dak li nemmen fih jien li dawn il-gruppi dawru harsithom biss lejn l-Ewropa – halli wara daharhom, fis-sitwazzjoni lokali, jisplodu bomba wara l-ohra u jfaqqghu l-musketterija ghax ma jintebhu b'xejn. Baldacchino ghamel ukoll parentesi, bla emfasi specjali, dwar il-fatt li sahansitra fl-Unjoni stess saru protesti miz-zghazagh kontra l-istess programmi bhal "*Sokrate*" u "*Leonardo*" li tant qeghdin jiftahru bihom min hu favur shubija shiha. Huwa fakkar li bhalma dawn it-tip ta' programmi jezistu fl-Unjoni, bhalhom jezistu wkoll ohrajn f'ghaqdiet bhalma huma l-*Commonwealth*, li wkoll qeghdin jigu njorati totalment. Bhallikieku l-ewwel darba li xi hadd mar jistudja barra! Baldacchino ghalaq ukoll li ghall-ewwel darba l-gimgha l-ohra l-Ministru ta' l-Edukazzjoni gie rrapportat f'"*l-orizzont*" li ddefinixxa lill-Ministeru u d-dipartiment li jaqghu tahtu bhala "piz" fuq l-ekonomija.

Ma' Baldacchino ndirizza l-pubbliku fil-bidu tal-laqgha Keith Psaila ghall-Kunsill Nazzjonali taz-Zghazagh. Huwa qal li fil-15 ta' Ottubru ntefa' vot mill-ghaqdiet taz-zghazagh ta' Malta u Ghawdex u gie stabbilit li 80% taz-zghazagh Maltin huma favur shubija shiha. Huwa qal li minn 12-il membru fil-Kunsill Nazzjonali, vot wiehed biss kien hemm kontra li wara nstab li kien tal-Forum Zghazagh Laburisti. Dak il-hin jien kemmixt xufftejja. Tad-dahk li sahansitra jazzardaw jghidu pubblikament kemm indagaw fil-fond dwar l-identità ta' min kien tefa' l-vot kontra. U dan ghal xiex? Biex jesterminawh?

Il-bicca informazzjoni imprezzabbli l-ohra li ghadda lill-pubbliku Psaila kienet dwar rapport imhejji minn Dott. Gabriella Pace li nqasam f'hames kapitli dwar l-impatt li shubija shiha jista' jkollha fuq il-futur taz-zghazagh Maltin. L-oqsma studjati kienu dawk ta' edukazzjoni u studenti, xoghol, qghad u ristrutturazzjoni, persuni b'dizabilità u inizjattivi ghaz-zghazagh.

Li jimmeraviljani li r-rapporti dejjem isiru mill-istess nies u kulhadd jibqa' jinsisti li huma mparzjali. Il-gimgha li gejja se niftah kapitlu dwar min hu l-espert u min jipprepara r-rapporti, ghax tajjeb li l-pubbliku jintebah li qieghed jintefa' hafna bzar fl-ghajnejn billi kulhadd jissejjah espert u mparzjali

daqslikieku dawn l-esperti (li niddubitaw kif u fiex ikunu esperti) jistghu, lanqas li kieku jkunu esperti verament, ikunu mparzjali.

Ic-cajta li nies li ghajnejhom mimlija bl-Unjoni, li f'din il-laqgha kien hemm tnejn minnhom (immaginajna differenti) huwa li fl-istess nifs li jghidu li m'ghandniex inhossuna inferjuri, juru bic-car li jekk ma jkunux parti mill-Unjoni jhossuhom inferjuri. Allura s-sens ta' inferjorità jew superjorità (fuq min? jaqaw din xi mentalità razzista?) jiddependi biss minn shubija fl-Unjoni. Mhux ta' b'xejn inhoss qalbi tugghani li min hu favur l-Unjoni kwazi kwazi qieghed jghid kontra l-identità nazzjonali u jimmira ghall-istatus Ewropew biex inehhi kull tracca ta' nisel Gharbi fina! Donnu waqajna mis-sema bil-gilda roza! Tabilhaqq insew dak li ggieldu ghalih kemm Borg Olivier kif ukoll Dom Mintoff!

Cajta ohra, li wzawha kontinwament, u ma jifilhux jaghmlu ahjar minn hekk, kemm Psaila kif ukoll Dr Jason Azzopardi, li fl-istess nifs ukoll li jghidu li ahna ghandu jkollna l-bibien miftuhin ghall-Ewropa juru kemm tabilhaqq il-bibien huma digà miftuhin! Psaila xeba' jiftahar kemm kull Malti li hadem barra, anke fosthom semma specifikament lill-inginiera mad-*Daimler Chrysler*, urew li mhux talli huma daqs izda wkoll li kapaci jkunu ahjar minn haddiehor (bhallikieku xi hadd iddubita dan!). Nahseb li xi darba ghad jintebhu li qeghdin jikkontradixxu lilhom infushom fl-istess nifs, izda ghandu jkun veru li l-ikbar zball ta' l-gharef (jew ta' min jahseb li huwa gharef!).

Dr. Jason Azzopardi ghogbu johrog b'ohra! B'pedanticizmu hiereg minn widnejh huwa sostna li l-Partit Nazzjonalista (l-iktar partit gharef ta' Malta) ilu mill-1979 jipprova jfiehem lill-Maltin li shubija fl-Unjoni hija l-unika triq ghal pajjizna. Ghal li jista' jkun qieghed jghid li l-poplu Malti huwa tant injorant li ilu 22 sena biss injorant?

Kien Victor Hugo minghalija li darba kien esprima lilu nnifsu dwar l-avukatura u kien qal li dawn jahbu r-raguni fir-ragunament – u dan il-kliem jien ma nghidux ghall-avukati, izda huwa kliem wisq addattat ghal dawn it-tip ta' kelliema li jaghzlu kliem sabih biex jghidulek li int injorant u ma taf xejn! Nahseb li jghaddu s-sighat jiddeliberaw kif se jghidu lill-poplu li huwa njorant minghajr ma juzaw il-kelma "injorant"!

U skond ma accennaw ghalih diversi kelliema xettici barranin li gew Malta f'dawn l-ahhar xhur, l-"IVA" u l-ghaqdiet u partit li huma favur l-Unjoni qeghdin jippreparaw ruhhom bil-kbir ghall-Unjoni. Digà qeghdin jidraw jghajru l-poplu njorant ghax ma jaqbilx maghhom!

Fis-sustanza Dr Azzopardi ftit qal iktar minn hekk – apparti li ta informazzjoni ovvja li xbajna nisimghu dwarha bhal kemm Malta ghandha digà kummerc ma' l-Unjoni (li huwa wkoll argument kontradittorju fih innifsu). Xi kultant nahseb li xogholhom huwa wisq difficli ghax qishom qeghdin ibighu r-ramel lil-Libjani – fi kliem iehor – qieghed joffrilna lura dak li digà ghandna! Ma naqasx ukoll xi argument fuq Alfred Sant! Povru Mexxej Laburista li ghalkemm jidfen fl-gherf u fl-esperjenza lil hafna mis-suppost "esperti" li jfasslu r-rapporti li huma jikkummissjonaw u jikkwotaw *ad nauseam*, qatt m'ghandu ragun f'xejn!

Kelliem iehor waqt il-laqgha kien Dottor Anglu Farrugia. Punti interessanti li hareg dan il-kelliem kienu li l-*GDP* ta' l-Irlanda minn 9% waqa' ghal 3% din is-sena, u li Malta permezz tas-sistema "Svizzera fil-Mediterran" ikollha dinja shiha ta' prezzijiet, anke dawk ta' barra l-Unjoni, minn fejn taghzel tixtri l-materja prima taghha. Huwa semma r-rotta Ewropea lejn tassazzjoni kkontrollata totalment minn Brussels fil-gejjieni, ir-*Rapid Reaction Force* li tant qed jitwessa' l-ghan taghha li gejjin f'konflitt man-*NATO* u, li l-pensjonijiet fil-Belgju mill-1980 sal-lum naqsu b'40%, u li kien hemm protesti ta' madwar 20,000 ruh dwar dan fil-Kapitali Ewropea.

Huwa qal li anke jekk neskludu xi regjuni Ewropej li tradizzjonalment dejjem sofrew qghad kbir bhalma huwa l-Portugall. Fil-Germanja stess insibu zoni li ghandhom qghad sa 25% taz-zghazagh, u ohrajn fi Franza fejn il-qghad mhux inqas minn 33%. Huwa accenna ghall-fatt li din hija l-Unjoni li suppost se tibnilna l-gejjieni taghna! Imma ghalkemm Dottor Farrugia deher wisq informat dwar dak kollu li qed jghid, nahseb li tkellem wisq fil-qosor dwar dak li jolqot

esklussivament liz-zghazagh. Però, jista' jkun ukoll li kellu bicca xoghol iebsa jispjega l-ovvju – cioè x'inhija "Svizzera fil-Mediterran" meta hemm partit shih ta' kontra li qed imexxi kampanja ta' dubji dwar dan il-kuncett – mentri l-kuncett ta' "Svizzera fil-Mediterran" jista' jkun ehfef biex tifhmu minn Shubija Shiha!

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*